Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**13424/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0217(NLE)**

**POLCOM 205**
**SERVICES 43**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 343 final |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti<br>- Adozzjoni |

1. Fid-19 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq (dok. 11525/22 + ADD 1).

2. Fil-31 ta' Awwissu 2022, il-Presidenza ċċirkolat proposta ta' kompromess (dok. WK 11267/22), li ġiet approvata mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti (Servizzi u Investimenti)) fis-7 ta' Settembru 2022.

3. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti (Servizzi u Investimenti)) li t-traduzzjonijiet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti kienu ġew maqbula mal-Kanada.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11527/22 + ADD 1;

– jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali tas-CETA, kif tinsab fid-dokument 11527/22 ADD 1, ladarba tiġi adottata; u

– jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament.